# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Gunju, 2018.**

**Rikors Numru 515/2017**

***Nautical Research Foundation Limited***
**(Numru ta' Registrazzjoni C-31739)**

**vs.**

***Geo-Mara Limited***
**(Kumpanija estera registrata l-Irlanda**
**bin-Numru ta' Registrazzjoni 511494)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi hi socjeta` privata b'responsabbilita` limitata registrata mar-Registratur tal-Kumpaniji Malta bin-numru C – 17418;

1.2. Illi fis-27 ta' Gunju, 2016, is-socjetajiet kontendenti ikkonkludew ftehim li bih is-socjeta` rikorrenti obbligat ruhha tforni servizz ta' "*charter*" lil dik intimata rigwardanti l-bastiment "*Hercules*" registrat il-Panama, (ara foll 6);

1.3. Illi a bazi tal-ftehim *de quo* il-bastiment fuq riferit kellu jigi mikri lis-socjeta` intimata ghal 41 gurnata, senjatament bejn il-25 ta' Lulju, 2016, u l-5 ta' Settembru, 2016, biex is-socjeta` intimata tkun tista' taghmel "*multibeam and sediment sampling*" fl-ibhra Maltin;

1.4. Illi ghal dan is-servizz is-socjeta` intimata kellha thallas mija wiehed u tletin elf tlett mija u sebgha u erbghin euro, (€131,347.00), (ara fatturi a foll 23 sa 29);

1.5. Illi mill-ammont indikat fil-paragrafu precedenti s-socjeta` intimata gia` hallset hmistax -il elf euro, (€15,000.00), depozitu, flimkien m'ammont iehor ta' hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u hamsa u ghoxrin euro, (€25,725.00), a saldu tal-fattura datata l-1 ta' Lulju, 2016, (ara foll 24);

1.6. Illi fis-26 ta' Jannar, 2017, is-socjeta` rikorrenti intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju Numru 126/17 fil-konfront tas-socjeta` intimata ghall-ammont ta' sebgha u disghin elf, disa' mija u erbgha u sebghin euro, (€97,974.00), bilanc rimanenti lilha dovut mis-socjeta` intimata, (ara foll 31);

1.7. Illi sussegwentement ghall-mandat hawn riferit is-socjeta` intimata effettwat zewg (2) pagamenti ohra t'ghoxrin elf euro, (€20,000.00), u hamest elef euro, (€5,000.00), rispettivament, in akkont tal-ammont dovut minnha lis-socjeta` rikorrenti;

1.8. Illi *di piu`* jirrizulta li s-socjeta` intimata ghamlet pagamenti ulterjuri u ghalhekk is-somma komplessiva

minnha dovuta lis-socjeta` rikorrenti illum tammonta ghal erbghin elf sitt mija u tnejn u ghoxrin euro, (€40,622.00);

1.9. Illi s-socjeta` intimata weghdet li kienet ser thallas dan l-ammont minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti mensilment;

1.10. Illi jirrizulta li s-socjeta` intimata kienet tinforma lis-socjeta` rikorrenti li kienet effettwat xi trasferimenti bankarji liema trasferiment effettivament qatt ma saru;

1.11. Illi ghalhekk kienet kostretta tintavola l-procedura odjerna biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.11.1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' €40,622.00, jew somma ohra verjuri;

1.11.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas li dik rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

1.11.3. Bl-ispejjez u bl-imghax kif indikati fir-rikors guramentat promotur;

2. Tirrileva li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat u bl-avviz ghas-smigh skont il-ligi fil-5 ta' Settembru, 2017, (ara foll 122);

3. Rat il-verbal datat il-15 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu is-socjeta` intimata qeghda fi stat ta' kontumacja, (ara foll125);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluza d-dikjarazzjoni guramentata prodotta;

5. Tirrileva li ghalkemm is-socjeta` intimata inghatat l-opportunita` taghmel is-sottomissjonijiet taghha biex tattakka l-procedura hawn inizjata mis-socjeta` rikorrenti *ai termini* tal-artiklu 170(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data indikata fid-digriet appozitu datat it-8 ta' Mejju, 2018, (ara foll 126), din baqghet inadempjenti;

Ikkunsidrat:

6. Illi l-fatti kif esposti fir-rikors guramentat promotur gew debitament irrikonfermati mill-"*boat manager*" tas-socjeta` rikorrenti fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu ipprezentata *in atti* fit-8 ta' Mejju, 2018, (ara foll 128);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' €40,622.00;

7.2. Tikkundanna ghalhekk lill-istess socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

7.3. Bl-ispejjez u bl-imghax kif indikati fir-rikors guramentat promotur kontra l-istess socjeta` intimata.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**